MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 87/2003

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**Ray Bajada**
**u**
**b'digriet tad-9 ta' Dicembru 2003 giet kjamata in kawza s-socjeta' Lomags Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ammont dovut ghal servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-istazzjon Bay Radio.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Jannar 2003, u bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru 2001 data ta' l-ahhar invoice sal-effettiv pagament kontra il-konvenut ingunt in subizzjoni."

Ra r-risposta:

"Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut u kwindi mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi inoltre l-konvenut ma ghandu jaghti ebda emmont lis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Stante l-ammissjoni mill-konvenuti u l-imsejjha fil-kawza li pero' talbu li  jinghataw zmien ghall-hlas.

Jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti u lill-kjamat fil-kawza solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma ta' LM584.95 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-22.01.2003 bl-imghaxijiet legali  mill-31.12.2001 sad-data tal-hlas effettiv.  Il-hlas tas-sorte u spejjez ghandhom isiru sa mhux iktar tard mill-ahhar ta' Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------